**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Joseph Axiak**

Kaz Numru: 632/2016

Illum 22 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Axiak,** iben Salvu u Josephine nee' Mizzi, imwieled fit-30 ta' Lulju 1953, residenti fil-fond 'Sun Valley', Triq Ghar ta' Ninu, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 48753(G), akkuzat talli nhar it-13 ta' Marzu 2016 ghall-habta tal-4.59p.m. u fil-hinijiet ta' qabel fl-akkwati maghrufa bhala Santu Pietru limiti tal-Gharb, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42) mhux skont dawn ir-Regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur tar-regolament 4(1)(a) L.S.549.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' regolament 7 (1) (e) tal-L.S. 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux licenzja adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi bi ksur ta' regolament 12(10) tal-L.S.549.42;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha tar-regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S.549.42), barra li taghti l-piena skont il-Ligi, tissospendi jew tirrevoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perijodu applikabbli.

Rat id-dokumenti esebiti nkluz il-filmat esebit permezz ta' dvd u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz wasal ghand il-Pulizija wara rapport li ghamlu il-Committee Against Bird Slaughter (CABS). Mar-rapport li wasal ghand il-Pulizija kien hemm ukoll DVD li fiha filmat li

kien juri attivita' illegali ta' insib fi zmien li l-istagun tal-insib kien maghluq. Il-Pulizija permezz tas-Surgent PS 1407 Frankie Portelli investigaw il-kaz u waslu biex identifikaw lill-imputat Joseph Axiak bhala l-persuna li tidher fir-ritratti mehuda mill-filmat. Meta l-Pulizija baghtet ghall-imputat dan ghamel stqarrija fejn cahad l-allegazzjonijiet kontrieh.

Illi l-Qorti rat l-affidavit ta' PS 1407 Frankie Portelli fejn dan jiddikjara fih li mill-istharrig li ghamel irrizulta li l-persuna indikata fir-rapport kien Joseph Axiak.

Illi l-Qorti semghet lil Fiona Jane Burrows rapprezentanta tal-CABS li kienet hi li ghamlet ir-rapport u waslet il-filmat lill-Pulizija fejn identifikat lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li hija rat fit-13 ta' Marzu 2016 f'Santu Pietru limiti tal-Gharb, Ghawdex. Hija baqghet issostni nkluz waqt il-kontro ezami li l-imputat kien il-persuna li fil-gurnata li ttiehed il-filmat waqt li l-istagun ghall-insib kien maghluq, kien qieghed jonsob. Hija sostniet li taf li diga' kienet xehdet f'kaz iehor li fih kien involut l-imputat.

Illi l-Qorti rat li l-ebda vettura li kienu fl-inhawi tal-allegat insib illegali li ssemmiet fir-rapport tal-CABS ma hija rregistrata fuq l-imputat. Wahda minn dawn il-vetturi hija rregistrata fuq iben l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet legali:**

Illi din il-Qorti tosserva illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Fil-kaz odjern, irrizultaw diversi fatturi, cirkuistanzi u indizji illi l-Qorti thoss illi huma sufficjenti biex jigu ppruvati l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Il-Qorti meta kienet qieghda tisma' dan il-kaz zammet quddiem ghajnejja l-gwida li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawzi l-**Pulizija vs Emanuel Muscat** deciza mill-Imhallef David Scicluna (App. Nru. 400/13) u l-**Pulizija vs Joseph Axiak** deciza mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri (App. Nru 458/15) fejn tidhol identifikazzjoni ta' persuni mixlija dwar insib illegali.

Rigward certu konflitt bejn ix-xhieda u dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija lill-Pulizija, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 li jghid illi xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Din il-Qorti jidhrilha illi x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni dik ta' Fiona Burrows u x-xiehda ta' PS 1407 Frankie Portelli permezz tal-affidavit ghandhom jigu emmnuti peress illi dawn jinkwadraw fis-shih ma' dawn ir-reati u c-cirkostanzi illi kien jinstab fihom l-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ssostni li l-kacca u l-insib illegali qed jaghmlu isem hazin lill-kaccaturi u n-nassaba stess li jimxu mar-regolamenti biex jipprattikaw id-delizju taghhom. Il-Qorti terga' ssostni li l-abbuzi ma jsirux minn kulhadd imma minn ftit hafna.

Il-pieni ghal min jabbuza huma deterrent bizzejjed u din il-Qorti se tkompli tibghat messagg car li min jabbuza jrid ihallas.

Il-Qorti tinnota li hemm min jahseb li jista' jikser l-ligi, jisfida lil shabu nassaba u kaccaturi li jistennew l-istagun biex jinfetah u jipprattikaw id-delizju taghhom fl-ambitu tar-regolamenti, jisfida lill-Awtoritajiet li jaghtu koncessjonijiet anke meta jafu li hemm maggoranza kbira li ma jaqblux ma'

dan. Jaghmlu dan ghax hemm cans li ma jinqabdux u jekk jinqabdu hemm cans li ma jinstabux hatja.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(e), 12(10) tal-L.S. 549.42, Artikolu 410(6), 637 u 638 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' tlett elef ewro (€3000.00);

Finalment il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca u l-insib tal-imputat Joseph Axiak ghal zmien sentejn mil-lum.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**